A.L. 372 ta' l-2007

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 63 u 72(2) ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "l-Att".

Jemenda t-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att.

2. Fit-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att, minnufih wara l-partita 93 tagħha, għandhom jidħlu dawn il-partiti ġodda li ġejjin:–

"94. Il-Ħbieb tal-Morda u ta' l-Anzjani f'Għawdex

95. Millenium Chapel Foundation

96. Razzett tal-Ħbiberija."